Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

**RESOL-VII/031**

**Il-157 Sessjoni Plenarja tad-9, l-10 u l-11 ta' Ottubru 2023**

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI URĠENTI

**Abbozz tar-Riżoluzzjoni dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet fl-Unjoni Ewropea u proposti fid-dawl tal-Aġenda Strateġika tal-UE 2024-2029 li jmiss**

**Imressaq mill-gruppi politiċi tal-PPE, il-PSE, Renew Europe, l-AE u l-Ħodor**

**Data tal-għeluq għat-tressiq tal-emendi: mhux aktar tard mill-10 ta' Ottubru 2023 fl-4 p.m. (ħin ta' Brussell)**

**L-emendi għar-riżoluzzjoni għandhom jitressqu, preferibbilment bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, permezz tal-għodda online għat-tressiq tal-emendi (disponibbli fil-Portal tal-Membri: https://memportal.cor.europa.eu/).**

Il-Helpdesk (+32 (0)2 546 96 97, indirizz elettroniku: helpdesk@cor.europa.eu) qiegħed għad-dispożizzjoni tiegħek biex jipprovdilek kwalunkwe għajnuna li jkollok bżonn. Barra minn hekk, il-gwida għall-utenti tinsab f'https://memportal.cor.europa.eu/.

Riżoluzzjoni urġenti mressqa skont l-Artikolu 45(3)(b) tar-Regoli ta' Proċedura, li għandha tiġi diskussa fit-tieni jum tas-sessjoni plenarja, fil-11 ta' Ottubru 2023. Ser titneħħa mill-aġenda tas-sessjoni plenarja jekk ma tiġix approvata mill-Bureau fid-9 ta' Ottubru 2023.

Numru ta' firem meħtieġin: 6


Rue Belliard/Belliardstraat 101 | 1040 Bruxelles/Brussel | BELGIQUE/BELGIË | Tel. +32 22822211
www.cor.europa.eu | @EU_CoR | /european.committee.of.the.regions | /european-committee-of-the-regions | @EU_regions_cities
MT

**Abbozz ta' riżoluzzjoni dwar "L-istat fl-2023 tar-Reġjuni u l-Bliet fl-Unjoni Ewropea u proposti fid-dawl tal-aġenda strateġika tal-UE 2024-2029 li jmiss"**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

WARA LI KKUNSIDRA:

– ir-rapport tiegħu, *Rapport Annwali tal-UE tal-2023 dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet*, ikkomplementat minn stħarriġ fost ir-rappreżentanti eletti lokalment u reġjonalment, li jipprovdi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali b'evidenza u rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar l-aktar sfidi urġenti qabel l-istabbiliment tal-Aġenda Strateġika li jmiss għall-2024-2029[1];

– id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2023 mogħti mill-president tal-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Settembru 2023 u l-ittra ta' intenzjoni indirizzata lill-presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

BILLI:

– l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna jpoġġi pressjoni kbira fuq ħafna unitajiet domestiċi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u gvernijiet lokali u reġjonali madwar l-UE minħabba pressjoni addizzjonali sostanzjali mill-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel u inflazzjoni li qed tiżdied, u dan iżid mal-impatt tat-tibdil fil-klima, il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, it-tfixkil fil-kummerċ u l-inugwaljanzi soċjali.

**A.** Jippreżenta **r-rakkomandazzjonijiet tal-KtR mir-*Rapport Annwali tal-UE tal-2023 dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet*** għal-leġiżlatura futura tal-UE***:***

***Ir-reġjuni u l-bliet jimmaniġġjaw il-kriżijiet***

*Solidarjetà mal-Ukrajna*

1. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tkompli u ssaħħaħ l-appoġġ lill-Ukrajna u jħeġġiġha tuża l-potenzjal, il-kapaċitajiet u l-għarfien espert tar-reġjuni u l-bliet tagħha għar-rikostruzzjoni, ir-riformi, b'mod partikolari tad-deċentralizzazzjoni, u l-integrazzjoni Ewropea tal-Ukrajna. Għal dak l-għan, il-Faċilità tal-Ukrajna għandha tapplika l-prinċipji fundamentali tal-politika reġjonali tal-UE u tipprovdi l-finanzjament meħtieġ għall-bini tal-kapaċità u l-proġetti bejn il-pari fost l-awtoritajiet reġjonali u lokali;

2. Jenfasizza li l-Alleanza Ewropea tal-Bliet u r-Reġjuni għar-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna, li hija kkoordinata mill-KtR, hija strumentali fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet lokali u reġjonali fl-Ukrajna, fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-pari, fl-assistenza lill-awtoritajiet lokali fl-Ukrajna biex isiru

[1] https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/State-of-Regions-and-Cities-2023.aspx

familjari mal-acquis tal-UE u fl-għoti ta' pariri dwar l-implimentazzjoni tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni;

3. Jappella għal aktar appoġġ dirett lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea sabiex tiġi ġestita l-integrazzjoni tar-rifuġjati Ukreni fil-bliet u r-reġjuni Ewropej ospitanti u biex jiġu pprovduti servizzi, prinċipalment f'termini ta' kura medika, edukazzjoni u impjieg;

*Tranżizzjoni tal-enerġija*

4. Jenfasizza li t-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE se twassal għall-awtonomija enerġetika billi tiddependi primarjament fuq l-enerġija ekoloġika prodotta u kkunsmata lokalment. L-awtoritajiet lokali u reġjonali u r-rappreżentanti eletti tagħhom huma għalhekk katalisti u aċċeleraturi ewlenin għas-suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika fil-prattika u għandhom ikunu involuti bis-sħiħ bħala msieħba biex jippermettu konsultazzjoni lokali u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni pubblika. Jirrimarka li l-KtR qed jiffaċilita t-tranżizzjoni tal-enerġija lokali permezz tal-Inizjattiva tiegħu tal-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali u l-kooperazzjoni tiegħu mal-Patt tas-Sindki tal-UE;

5. Jitlob li r-reġjuni u l-bliet jingħataw appoġġ u investimenti addizzjonali tal-UE fil-forma ta' mekkaniżmi ta' finanzjament dedikati, inklużi fondi diretti, li jappoġġjaw l-innovazzjoni sostenibbli; tali appoġġ għandu jibni fuq l-inizjattiva REPowerEU, biex itejjeb l-effiċjenza enerġetika, juża s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jiżviluppa grilji intelliġenti u jagħti spinta lill-ekonomija ċirkolari, u b'hekk jippromovi l-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija lokali, u jsaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE;

*Azzjoni klimatika*

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-emulazzjoni tal-aħjar prattiki lokali identifikati fil-Manwal tal-KtR dwar il-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali[2], peress li l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima se japprofondixxu l-inugwaljanzi eżistenti fost ir-reġjuni minħabba l-impatt asimmetriku tiegħu fuq popolazzjonijiet diverġenti, il-ħsara lill-infrastruttura kritika, u t-tfixkil tat-turiżmu, ir-raggruppamenti industrijali u l-produzzjoni agrikola; f'dan ir-rigward, jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma protagonisti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u primarjament responsabbli għall-azzjonijiet lokali biex jittaffew l-impatti negattivi taż-żieda fit-temperaturi globali;

7. Jinsisti li t-tranżizzjoni klimatika għandha tkun ekwa u ġusta, u ma tħalli lill-ebda reġjun u lanqas lin-nies jibqgħu lura. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid il-mekkaniżmi ta' solidarjetà u koeżjoni tagħha biex tippermetti lir-reġjuni u l-bliet tagħha jżidu l-investimenti għall-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u tipprevjeni li l-aktar territorji u gruppi soċjali vulnerabbli jkunu l-aktar milquta; biex tipproteġi r-reġjuni tagħha mill-impatti dannużi tat-tibdil fil-klima, l-UE jkollha bżonn tinvesti madwar EUR 40 biljun kull sena, biex it-temperatura globali tibqa' taħt il-limitu ta' żieda ta' 1,5°C;

---

2 https://cor.europa.eu/mt/engage/Pages/Green-Deal-Handbook.aspx

8. Jenfasizza li l-KtR qed jissieħeb maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea biex jippromovi l-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà Reġjonali u Lokali tiegħu dwar id-diżastri u r-riskji tat-tibdil fil-klima u jistenna li din it-tabella ta' valutazzjoni ssir parametru għall-istrateġiji ta' reżiljenza u titqies fit-tfassil tal-politika ta' koeżjoni;

*Sikurezza tal-ikel*

9. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-liġi qafas dwar sistemi tal-ikel sostenibbli mingħajr aktar dewmien. Jiġbed l-attenzjoni, hawnhekk għall-ħtieġa urġenti li l-Ewropa tinvesti aktar fil-produzzjoni agrikola lokali sostenibbli u tqassar il-ktajjen tal-provvista tagħha; il-promozzjoni tal-prodotti lokali, l-akkwist sostenibbli u l-mixja lejn sistemi tal-ikel sostenibbli huma elementi essenzjali biex jiżdiedu s-sikurezza u r-reżiljenza tal-ikel;

10. Jenfasizza li l-KtR nieda l-Premju tal-UE għall-Produzzjoni Organika flimkien mal-Kummissjoni Ewropea biex jippromovi l-produzzjoni lokali sostenibbli fost ir-reġjuni tal-UE;

11. Jinsab lest li jikkontribwixxi għall-inizjattiva l-ġdida mħabbra dwar ir-reżiljenza tal-ilma u jappella għal approċċ strateġiku biex jgħin lir-reġjuni jiġġieldu n-nixfa u jimmaniġġjaw l-iskarsezza tal-ilma, billi jibnu fuq l-esperjenzi reġjonali eżistenti għal konsum imnaqqas, użu mill-ġdid akbar u l-indirizzar tal-ilma mormi;

***Ir-reġjuni u l-bliet bħala atturi għall-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni***

*Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli*

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-koleġiżlaturi jiffinalizzaw l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi jadottaw sa tmiem il-mandat attwali l-proposti leġiżlattivi importanti dwar il-pestiċidi, ir-restawr tan-natura, iż-żrieragħ, il-benessri tal-annimali u l-liġi qafas dwar is-sistemi tal-ikel sostenibbli;

13. Jindika r-rwol ċentrali tar-reġjuni u l-bliet fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

14. Jistieden lill-UE tipprovdi qafas konsistenti u konsolidat għat-tkabbir sostenibbli, li jallinja l-aġenda klimatika, dik soċjali u ta' sostenibbiltà, u timla l-lakuni finanzjarji, tal-għarfien espert u proċedurali billi tipprovdi finanzjament dirett u gwida konkreta, kif ukoll billi tinkoraġġixxi bbaġitjar ekoloġiku u parteċipattiv u tagħti aktar prominenza lill-koordinazzjoni tajba, il-flessibbiltà, is-simplifikazzjoni, it-trasparenza u komunikazzjoni aħjar;

15. Jenfasizza li l-Inizjattiva tal-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali tal-KtR tista' sservi bħala mudell għal involviment aħjar tar-reġjuni u l-bliet f'dawk l-isforzi u jistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra jibnu aktar sinerġiji mal-KtR f'dan il-qasam;

*It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali*

16. Jirrikonoxxi li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali joħolqu sfidi eżistenzjali għal ħafna reġjuni u bliet Ewropej; jenfasizza l-involviment indispensabbli tar-reġjuni u l-bliet fil-governanza tal-liġijiet reċenti tal-UE bħall-Att dwar il-Materja Prima Kritika u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti; jappella lill-UE tistieden lill-KtR ikun membru tal-korpi governattivi u ta' monitoraġġ tagħhom;

17. Jenfasizza l-valur ta' alleanzi reġjonali eżistenti u emerġenti li jappoġġjaw reġjuni li għaddejjin minn bidla trasformattiva, bħall-Alleanza tar-Reġjuni Awtomobilistiċi maħluqa mill-KtR, u l-Alleanza Ewropea tar-Reġjuni tas-Semikondutturi; jirrimarka li l-Alleanza tar-Reġjuni Awtomobilistiċi ġiet identifikata mill-koleġiżlaturi Ewropej fil-leġiżlazzjoni rilevanti bħala s-sieħeb ewlieni għall-Kummissjoni Ewropea għal strateġija ta' tranżizzjoni ġusta għal dawk ir-reġjuni b'settur b'saħħtu tal-industrija tal-karozzi u tal-provvista għal din l-industrija;

18. Jistieden lill-UE żżid l-isforzi biex iżżid ir-reżiljenza diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, inkluż fil-livell sottonazzjonali, pereżempju billi twettaq kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku, indirizzati lir-rappreżentanti lokali u reġjonali. Dan huwa ta' importanza kbira, peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE saru miri primarji għall-attakki ċibernetiċi, li wasslu għal għeluq temporanju ta' infrastruttura pubblika kruċjali u konsegwenzi serji għaċ-ċittadini tagħhom; huwa diżappuntat li ħafna reġjuni u bliet m'għandhomx biżżejjed għarfien, riżorsi finanzjarji u kapaċitajiet organizzattivi biex jibnu r-reżiljenza diġitali;

*Il-ġejjieni tal-politika ta' koeżjoni*

19. Jirrikonoxxi li l-politika ta' koeżjoni, bħala investiment fit-tul, għandha rwol kruċjali biex tnaqqas b'mod effettiv id-distakk fl-iżvilupp bejn ir-reġjuni, tikkontribwixxi għal suq uniku bi prestazzjoni aħjar, u tgħin biex tiġi indirizzata l-ġeografija tal-iskuntentizza;

20. Jistieden lill-UE tkompli tiżviluppa politika ta' koeżjoni b'saħħitha bbażata fuq il-post b'approċċ ta' missjoni li jista' jappoġġja l-postijiet u n-nies kollha tal-UE. Għandha tapplika l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni" fil-politiki u l-inizjattivi kollha tal-UE billi twettaq valutazzjonijiet komprensivi tal-impatt territorjali;

21. Huwa diżappuntant li r-regolament STEP il-ġdid u l-proposti ta' reviżjoni tal-QFP isaħħu l-istrumenti tal-UE ġestiti ċentralment mingħajr ma jipprevedu tisħiħ baġitarju tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li l-Alleanza għall-Koeżjoni, stabbilita mill-KtR flimkien mal-assoċjazzjonijiet territorjali Ewropej ewlenin, se sservi bħala pjattaforma ta' dibattitu u skambju, li tinvolvi lill-istituzzjonijiet tal-UE mal-bliet u r-reġjuni;

*L-aġenda rurali*

22. Iwissi li sal-2033, huwa stmat li 30 miljun persuna se jkunu telqu miż-żoni rurali tal-Ewropa meta mqabbla mas-sena 1993, u jenfasizza li ż-żgħażagħ u l-familji jitilqu miż-żoni rurali minħabba n-nuqqas ta' impjiegi u servizzi pubbliċi, bħall-iskejjel, l-isptarijiet, it-trasport pubbliku u l-konnettività diġitali;

23. Jistieden lill-UE tinvesti aktar fiż-żoni rurali peress li huma kontributuri ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika tagħha f'oqsma bħall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-preservazzjoni u r-restawr sostenibbli tal-ikel u tan-natura;

24. Jissottolinja l-ħtieġa li l-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza jagħtu spinta lill-investimenti u r-riformi biex jitnaqqsu n-nases tal-iżvilupp tat-talenti fir-reġjuni tal-UE, jiġu diversifikati l-prospetti ekonomiċi għaż-żgħażagħ u jiġi żgurat il-benessri ekonomiku u soċjali tal-komunitajiet rurali;

***Ir-reġjuni u l-bliet isawru l-futur tal-Ewropa***

*Id-demokrazija Ewropea*

25. Jenfasizza li l-1,2 miljun rappreżentant lokali u reġjonali għandhom pożizzjoni unika f'termini ta' promozzjoni u difiża tad-demokrazija Ewropea, minħabba li jirrappreżentaw il-livell politiku l-aktar fdat miċ-ċittadini sħabhom; fl-istess ħin, dawk ir-rappreżentanti huma l-aktar esposti għal skuntentizza li qed tikber u qed jesperjenzaw rati akbar ta' diskors ta' mibegħda u vjolenza fiżika u ċibernetika kontrihom, u b'mod partikolari kontra politiċi nisa u dawk li jappartjenu għal minoranzi; fuq dan l-isfond, itenni l-promozzjoni tal-wirt tas-Sindku Paweł Adamowicz fid-difiża tad-demokrazija lokali u jikkonferma l-impenn tagħna li naqsmu l-wirt tiegħu permezz tal-Premju Paweł Adamowicz;

26. Itenni li aktar minn 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija implimentata mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u li għalhekk huma f'pożizzjoni tajba biex jipprovdu feedback konkret dwar il-politiki Ewropej, u huwa essenzjali li dawn ikunu involuti aktar u aħjar fil-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;

27. Jistieden lill-UE tinkludi b'mod sistematiku lir-rappreżentanti lokali u reġjonali u lill-KtR fil-mekkaniżmu ta' djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE wara l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u tippromovi l-valuri Ewropej u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell reġjonali u lokali billi tappoġġja proġetti konkreti, filwaqt li tieħu bħala eżempju l-prattiki tajbin elenkati fil-bażi tad-data "Il-promozzjoni tal-valuri tal-UE permezz tal-edukazzjoni u l-kultura"[3];

28. Jenfasizza li l-programm Politiċi Eletti Żgħażagħ tal-KtR u n-Network ta' Kunsillieri Lokali u Reġjonali tiegħu jistgħu jsaħħu r-rabta bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-komunitajiet lokali, jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, jiddenunzjaw id-diżinformazzjoni u jipprovdu għarfien utli għal dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE;

3 https://cor.europa.eu/en/regions/Pages/EIR-map.aspx?view=stories&type=sedec

*It-tkabbir tal-Unjoni*

29. Jenfasizza li r-reġjuni u l-bliet tal-UE jistgħu joffru appoġġ b'valur miżjud għall-proċess tat-tkabbir tal-UE billi jipprovdu appoġġ politiku u prattiku lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE, pereżempju billi jippromovu formati ta' kooperazzjoni bejn il-pari;

30. Jirrimarka li ċ-ċikli preċedenti ta' tkabbir urew li d-deċentralizzazzjoni u l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija għas-sħubija fl-UE huma kruċjali għas-suċċess;

31. Jirrakkomanda kooperazzjoni transkonfinali aktar b'saħħitha mal-awtoritajiet lokali u reġjonali ġirien; u jenfasizza li l-KtR jista' jaqdi rwol speċjali fl-għoti ta' għajnuna lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali sabiex ilestu ruħhom għall-adeżjoni fl-UE u biex tiġi miġġielda l-għeja preżenti li dejjem qed tikber fir-rigward tat-tkabbir;

**B.** Qed iressaq dawn **ir-rakkomandazzjonijiet fid-dawl tat-tfassil taċ-ċiklu ta' politika tal-UE li jmiss u l-Aġenda Strateġika tal-UE 2024-2029 li jmiss**:

32. Jisħaq li matul din il-leġiżlatura, l-awtoritajiet lokali u reġjonali żammew in-nisġa demokratika tal-Unjoni tagħna b'saħħitha, u mexxew ir-rispons tal-UE għal kriżijiet kbar bħall-COVID-19, it-tibdil fil-klima u l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq il-post, u fl-istess waqt li kienu minn ta' quddiem fit-triq sostenibbli u koeżiva lejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

33. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni mistennija tressaq għadd ta' rieżamijiet ta' politika, inkluż dwar it-tkabbir tal-UE (li għandu jiġi ppreżentat taħt il-Presidenza Belġjana); jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi minn stadju bikri lill-KtR u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija ta' tali rieżamijiet ta' politika;

34. Jistiedenlill-Kummissjoni Ewropea tħejji l-Aġenda Strateġika 2024-2029 li jmiss billi tinvolvi l-livelli kollha tal-gvern biex tiżgura l-mobilizzazzjoni minn isfel għal fuq tal-ideat u r-riżorsi kollha disponibbli li l-Unjoni tagħna tista' tipprovdi biex tindirizza l-isfidi ewlenin li ġejjin;

35. Jinsisti wkoll li l-Unjoni Ewropea għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni proattiva tagħha lejn xejriet u bidliet globali ewlenin, billi tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej fir-rigward tal-prospettiva strateġika u l-isforzi ta' tħejjija; dan se jgħin biex tissawwar l-Aġenda Strateġika tal-UE 2024-29 u tinżamm reżiljenti fid-dawl ta' xenarji li qed jinbidlu malajr;

36. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir aktar investiment fi triq lejn l-iżvilupp sostenibbli billi jiġi/u kkonfermat/i il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli bħala boxxli ewlenin biex jiġu definiti l-prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin;

37. Jenfasizza li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hija aktar minn qatt qabel prerekwiżit għall-futur tal-Ewropa; u jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-koeżjoni bħala valur fundamentali u objettiv trażversali tal-UE, u jappella biex il-koeżjoni titqiegħed fil-qalba tal-Aġenda Strateġika

2024-2029 il-ġdida, tipprevjeni li t-tibdil fil-klima jwassal għal aktar differenzi bejn ir-reġjuni, u twaqqaf id-diżimpenn u l-iskuntentizza fuq medda twila ta' żmien;

38. Jenfasizza li t-tkabbir sostenibbli u l-prosperità ekonomika fis-suq uniku tal-UE jiddependu fuq il-kompetittività tal-bażi industrijali Ewropea, il-kapaċità tagħha li tmexxi l-bidla teknoloġika u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur tagħha; f'dan il-kuntest, jistieden lill-UE tiżgura li raggruppamenti industrijali ewlenin u setturi sensittivi, bħall-ikel, is-saħħa, il-karozzi, is-sustanzi kimiċi, it-tessuti, l-enerġija, u dawk diġitali, ikunu jistgħu joperaw f'qafas regolatorju favorevoli li jippermettilhom ikomplu n-negozju tagħhom fl-UE u jikkompetu fis-swieq internazzjonali;

39. Jitlob li tinbena aġenda futura tal-Ewropa Globali fi sħubija aktar b'saħħitha mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li qed isiru atturi globali indiskutibbli f'ħafna setturi; f'dan ir-rigward, jappella bil-qawwa għal parteċipazzjoni msaħħa tal-gvernijiet sottonazzjonali mhux biss f'forums ta' politika multilaterali bħal dawk fil-livell tan-NU, iżda wkoll fil-kuntest tas-sħubijiet strateġiċi tal-UE, permezz ta' appoġġ akbar għall-pjattaformi ta' kooperazzjoni ma' bliet u reġjuni minn kontinenti oħra;

40. Jissottolinja l-ħtieġa akbar ta' tħejjija sistemika għal kriżijiet umanitarji aktar frekwenti marbuta ma' diżastri klimatiċi jew diżastri naturali oħra fl-UE u madwar id-dinja; jenfasizza r-rwol ewlieni li r-reġjuni u l-bliet għandhom biex l-Ewropa ssir promotur tas-solidarjetà, anke fil-livell globali, u jistieden lill-UE ssaħħaħ is-sħubijiet strateġiċi u tipprovdi qafas li jtejjeb it-tħejjija u r-rispons tal-UE għall-emerġenzi fil-livelli kollha tal-gvern;

41. Iwissi li l-Unjoni tagħna se teħtieġ riżorsi baġitarji proporzjonati għal-livell ta' ambizzjonijiet globali u domestiċi ddikjarati fl-Aġenda Strateġika futura 2024-29 – anke biex l-Unjoni titħejja għad-deċennju li jmiss; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ggarantiti livelli suffiċjenti ta' investiment biex kull reġjun ikun jista' jħaddan it-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali, industrijali, soċjetali u demografika; huwa favur it-tisħiħ tal-mekkaniżmi baġitarji tal-UE meħtieġa biex jiġu ffaċċjati kriżijiet u emerġenzi mhux previsti b'mod koordinat u bbażat fuq is-solidarjetà; jistieden lill-UE twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt fit-tul stmat tal-gwerra Russa fl-Ukrajna fuq il-baġit tal-UE;

42. Jinnota li ċ-ċittadini Ewropej appellaw b'mod ċar għal evoluzzjoni fis-sistema ta' governanza Ewropea u jqis li r-riżultati tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa jirrikjedu riforma ambizzjuża tal-funzjonament tal-UE biex tiffaċċja l-isfidi li ġejjin;

43. F'dan ir-rigward, il-KtR jappoġġja t-talba tal-Parlament Ewropew għal Konvenzjoni billi tiġi attivata l-proċedura għar-reviżjoni tat-Trattati (Artikolu 48 tat-TUE) u jirrimarka li Konvenzjoni futura għandha tinvolvi bis-sħiħ lill-KtR u lill-membri tiegħu;

44. Iqis li, sadanittant, l-ottimizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet attwali tat-Trattat għandha tiżgura b'mod attiv trasparenza u responsabbiltà akbar fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, inkluża enfasi akbar fuq is-sussidjarjetà, il-governanza f'diversi livelli u r-rwol tal-KtR; iqis f'dan ir-rigward indispensabbli reviżjoni tal-ftehim interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet matul iċ-ċiklu ta' politika li jmiss;

45. Itenni li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa talbet li l-KtR jingħata rwol imsaħħaħ fl-arkitettura istituzzjonali fejn huma kkonċernati kwistjonijiet b'impatt territorjali. Ir-reviżjoni tal-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew toffri l-possibbiltà li jsir progress f'dan ir-rigward, inkluż f'termini tal-involviment sistematiku tal-KtR f'inizjattivi ewlenin b'dimensjoni territorjali matul iċ-ċiklu ta' politika tagħhom, mill-fażi preleġiżlattiva u leġiżlattiva, sal-implimentazzjoni u r-reviżjoni;

46. Jilqa' l-ħidma pijuniera dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea matul dan il-mandat, u jtenni l-impenn tal-KtR fil-fajls rilevanti kollha. Il-KtR huwa impenjat li jippromovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-sħubija u l-ħidma tiegħu, li jappoġġja l-awtomizzazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet lokali u reġjonali, u li jindirizza d-diskriminazzjoni, il-vjolenza u l-ostakli li n-nisa għadhom jiffaċċjaw fl-aspetti kollha tal-ħajja; itenni li l-bliet u r-reġjuni jistgħu jfasslu u jistabbilixxu oqfsa, politiki u miżuri sensittivi għall-ġeneru komprensivi biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

47. Jagħti struzzjonijiet lill-president tiegħu biex jibgħat ir-Rapport Annwali tal-UE dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet 2023 u din ir-riżoluzzjoni lill-presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill Ewropew, kif ukoll lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru tal-UE, u jħeġġeġ lir-rappreżentanti eletti reġjonali u lokali fl-Ewropa biex ixerrdu r-rapport liċ-ċittadini u lill-midja lokali u reġjonali.

Brussell, 11 ta' Ottubru 2023

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Vasco Alves Cordeiro

_____________